MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2015

Numru. 76/2003

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nezren Grixti)**

**vs.**

**Victor Buttigieg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Victor Buttigieg detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 474072M.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-3 ta' Lulju, 2002 u matul dan l-ahhar xahar, gewwa in-Naxxar u bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti:

a) Kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu esklussiv tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.
b) Ukoll talli Victor Buttigieg sar recediv skond l-artikoli 49, u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta datata 8 ta' Marzu, 1999, Hall 3.

Semghet ix-xhieda rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri, u li m'humiex kontestati bejn il-kontendenti huma s-segwenti:

1. Il-pulizija ghamlu tfittxija fir-residenza tal-imputat fejn kien jghix ma ommu.
2. Fuq il-persuna ta' l-imputat instab pakkett bit-trab kannella u sitta u tletin Lira Maltin (LM36) flus kontanti. Hdejn il-kamra tas-sodda tieghu instabu tlett seringi, tnejn minnhom godda kif ukoll wahda minnhom uzata. Gewwa l-kamra tas-sodda t'ommu, go wiehed mill-kxaxen tal-gradenza instabu diversi boroz zghar trasparenti godda.
3. Fuq vetrina fil-kamra tal-ikel instabet borza tal-karti kannella u go fiha kien hemm diversi boroz tal-plastic, wahda minnhom ikbar mill-ohrajn li kien fihom trab kannella. Ma' dawn il-boroz kien hemm mizien digitali, kuccarina u boroz godda zghar trasparenti wkoll, bl-istess ghamla u kwalita ta' dawk li instabu fil-kamra ta' omm l-imputat.
4. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat qal li l-affarijiet relatati mad-droga misjuba mill-Pulizija kienu kollha tieghu.
5. L-espert Spizjar Mario Mifsud ikkonkluda *inter alia* bil-mod segwenti:[1]

*"a) li ma nstabux sustanzi illegali fuq il-mizien li kien hemm fid-dokument 02 BRC 202 u s-siringa li kien hemm fid-dokument 02 BRC 204; ... ...*

[1] Ara relazzjoni tal-Espert Spizjar Mario Mifsud a fol. 60 *et seq.* tal-process.

c) *li nstabu tracci tas-sustanza Herojina fil-boroz li kien hemm fid-dokument 02 BRC 202, 203 u 204 u l-kuccarina li kien hemm fid-dokument 02 BRC 203;*

d) *Li fit-trab kannella li kien hemm fil-boroz u l-qratas fid-dokument 02 BRC 203 u 204, f'ammont nett ta' 48.716 grammi, insabet fihom is-sustanza Herojina. Il-purita ghall-Herojina kienet ta' cirka 30%. Din is-sustanza li hija narcotic analgesic, hija kontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*

6. Mir-rapport tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud,[2] jirrizulta li kien hemm tlett boroz bi tracci ta' herojina, u t-tminn boroz li kellhom is-sustanza Herojina fihom, kellhom is-segwenti pizijiet: 33.649g, 04.333g, 4.416g, 4.562g, 00.743g, 00.127g u 00.117g.

L-imputat mhux qed jikkontesta il-pussess tad-droga, imma qed jikkontesta l-aggravanti li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu, ghaliex huwa jsostni li d-droga kienet kollha intiza ghall-uzu personali tieghu.

Fl-istqarrija tieghu,[3] l-imputat jghid li hu ma jahdimx, ghalkemm qabel kien jahdem fil-gebel. Kien ilu jaghmel uzu mid-droga herojina ghall-ahhar seba' snin qabel l-istqarrija. Huwa zvela l-identita' u d-dettalji personali tal-persuna minghand min xtara droga jumejn qabel – Gharbi maghruf bhala Mustafa. L-imputat spjega li huwa ghamel kuntatt ma' Mustafa ghax kien ammetta ma' persuna ohra li ma xtaqx isemmi minn hija, li hu kien *sick*. Jghid ukoll li hu lanqas ghadu tah flus lil dan Mustafa, pero kienu ftiehmu li jixtri bil-prezz ta' LM18 ghal kull gramma. *"Dak in-nhar jien kont hadt minghand Mustafa b'52 gramma Eroina. Dak in-nhar jiena kont ghatlu li flus jiena ma ghandhiex u lanqas*

[2] Ara relazzjojoni tal-Espert Spizjar Mario Mifsud a fol. 65 tal-process.
[3] Ara stqarrija tal-imputat a fol. 28 *et seq.* tal-process.

*kelli bzonn dik il-kwantita, pero Mustafa xorta galni biex jiena nohodhom u kellhi nhallas aktar tard l-ammont ta' flus."*

L-imputat ikkonferma din l-istqarrija bil-gurament quddiem Magistrat. Fl-istqarrija guramentata, l-imputat zied jghid li huwa kien jiehu mal-hames (5) grammi kuljum billi jahraqhom u jinjettahom go fih.[4] Huwa zied jghid ukoll hekk *"Jiena nghid li ma nistax nifhem ghalfejn dan Mustafa gabli dak il-kwantita meta ma kellix bzonnha dak il-hin."*[5]

Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti,[6] l-imputat qal li l-familja tieghu kellhom fabbrika u kienu jahdmu bhala kuntratturi fuq xoghol ta' farmhouses, u hu kien jahdem maghhom. Pero ma baqghax imur jahdem minhabba l-vizzju tad-droga. Huwa xehed li *"kont niehu qisu 5 grammi kull jumejn, darba iva u darba le kont nohodhom ... ..."*[7] Huwa xehed li d-droga in kwistjoni kien xtraha bi prezz irhis ghax kienet hafifa hafna. Huwa xehed ukoll li peress li d-droga ma kinietx pura, ried jiehu aktar. Huwa xehed li l-boroz kien juzahom biex jitfa' l-herojina fihom, peress li kien dejjem jigri fuq barra. Huwa xehed li iktar kien jahraq l-herojina fuq il-foil, ghalkemm gieli uza ftit is-siringa. Il-mizien kien juzah biex ikun cert mill-piz tal-herojina li kien jixtri. Meta xehed quddiem din il-Qorti, l-imputat qal li kien ilu sitt xhur fi programm residenzjali ta' riabilitazzjoni.

Dak li qed jigi kontestat – u allura irid jigi deciz minn din il-Qorti – huwa jekk il-boroz b'ammont totali ta' 48.7g herojina li nstabu fi tminn boroz li nstabu fil-pussess tal-imputat kienux ghal uzu tieghu personali - kif qed jallega hu - jew jekk ma kienux ghall-uzu esklussiv tieghu – kif qed tallega l-Prosekuzzjoni.

---

[4] Ara fol. 20 tal-process.
[5] Ara fol. 22 tal-process.
[6] Ara xhieda tal-imputat a fol. 115 *et seq.* tal-process.
[7] Ara fol 119 tal-process.

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Marius Mallia**, deciza fit-12 ta' Mejju 2005, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[8] irriteniet hekk:

*"Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia, cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim.* ***Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio*** *[26.8.2998]. Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara App. Kriminali* ***Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri*** *[2.9.1999]*

*Illi pero kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant ... ... (App. Krim.* ***Il-Pulizija vs. Brian Caruana*** **[23.5.2002])**

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Jason Mallia**, deciza fit-2 ta' Settembru 1999, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[9] spjegat illi: *"Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni <u>mhix mehtiega</u> ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrkjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati." Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga*

[8] *Per* Imhallef J. Galea Debono.
[9] *Per* Imhallef V. De Gaetano.

*li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioe li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha."* (sottolinear ta' dik il-Qorti).

In oltre fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Stephen Abela**, deciza fit-18 t'Awwissu 2005, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[10] irriteniet illi: *"Li stabbilit li kull kaz irid ikun studjat ghalih, kif ukoll li indizju wiehed hu bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-pussess ikun wiehed aggravat, il-Qorti pero trid tkun sodisfatta mill-provi migjuba li dawn iwasslu ghal din il-konkluzjoni. Meta l-ammont ma jkunx wiehed li normalment jassocja ma' uzu esklussiv da parti tal-possessur, ikun jispetta lill-imputat imqar fuq bazi ta' probabbilita', li jipprova li dak kien ghall-uzu esklussiv tieghu w dan bl-applikazzjoni tal-artikolu 26(1) tal-Kap. 101."*[11]

Issa fil-kaz odjern, l-ammont ta' 8 boroz ta' droga herojina, b'piz totali ta' 48.7 grammi m'huwiex ammont li wiehed normalment jassocja ma' uzu personali. Kemm fl-istqarrija guramentata kif ukoll fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid li kien *heavy user.*

Pero, fir-rigward ta' xhieda li ta l-imputat biex jiggustifika dan l-ammont ta' droga fil-pussess tieghu, din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

---

[10] *Per* Imhallef J. Galea Debono.
[11] L-Artikolu 26(1) tal-Kapitolu 101 jippreskrivi illi: *"F'kull proċediment kontra persuna għal reat kontra din l-Ordinanza, ma jkunx jinħtieġ li ssir il-prova tan-nuqqas ta' liċenza, awtorizzazzjoni jew materja oħra ta' eċċezzjoni jew difiża, u l-obbligu li jipprova li hemm din il-liċenza, awtorizzazzjoni jew materja ta' eċċezzjoni jew difiża jmiss lill-persuna li tkun trid tinqeda biha."*

1. Hemm inkonsistenzi sostanzjali bejn ix-xhieda guramentata li ta l-imputat ftit wara li gie arrestat u x-xhieda li ta quddiem din il-Qorti. Fix-xhieda guramentata tieghu, l-imputat jghid li ma kienx jahdem u meta mar jixtri d-droga minghand Mustafa ma kellux flus biex ihallsu ghal tnejn u hamsin (52) gramma herojina li Mustafa ried itieh, u skont l-imputat Mustafa "gieghlu" jiehu, ghax kien iktar mill-ammont li l-imputat kellu bzonn. Fil-fatt huwa jghid li ma kienx tah flus dak il-hin, ghalkemm kienu ftiehmu li jhallsu tmintax-il lira Maltija (LM18)-il gramma, u li kien se jhallsu wara. Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-imputat ried jaghti l-impressjoni li huwa ghamel bicca negozju tajjeb ma' Mustafa ghax id-droga ma kienitx pura u skont hu kienet hafifa hafna, u jghid li xtraha bi prezz baxx. Imkien fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-imputat ma jghid li hu ma hallasx lil Mustafa. Min-naha l-ohra, imkien fl-istqarrija guramentata tieghu, l-imputat ma jghid li xtara d-droga bi prezz baxx ghax ma kinietx ta' kwalita' tajba. Issa kif inhu risaput f'min jahdem f'dan il-qasam, meta tinbiegh id-droga herojina din qatt ma tkun pura 100%, u purita ta' 30% li kellha d-droga in kwistjoni, kif stabbilixxa l-espert Spizjar Mario Mifsud, hija wahda normali, u mhix baxxa kif xehed l-imputat. Il-Qorti ssib iktar attendibbli l-versjoni li ta l-imputat fl-istqarrija guramentata li hu ma kellux flus biex jixtri tnejn u hamsin (52) gramma droga, li bit-tmintax-il lira Maltija (LM18) il-gramma, tigi tiswa disa' mija u sitta u tletin lira Maltija (LM936) – dan iktar u iktar meta l-imputat stess ammetta li ma kienx jahdem – u ftiehem ma' Mustafa li jhallsu aktar tard. Ovvjament tqum il-kwistjoni ta' min fejn l-imputat kien se jgib disa' mija u sitta u tletin lira Maltija (LM936) sabiex ihallas lil Mustafa, meta l-imputat ma kienx jahdem.

2. Fir-residenza tal-imputat instabu ammont sostanzjali ta' boroz zghar, li tlieta minnhom kellhom it-tracci tal-herojina. Fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti, l-imputat jiggustifika l-ezistenza ta' dawn il-boroz, ghax jghid li kien ipoggi d-droga fiha meta kien ikun se johrog, u jkun se jabbuza mid-droga barra d-dar, biex ma joqghodx jigri bl-ammont shih ta' droga mieghu. Din il-Qorti tammetti li jaghmel sens li meta l-imputat kien johrog kien jiehu biss qartas wiehed mieghu, u ma joqghodx igorr id-droga kollha. Pero fl-ewwel lok, fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid li *"kont dejjem nigri fuq barra"*. [12] Ladarba l-imputat ma kienx jahdem, il-Qorti ma tistax tifhem ghaliex hu kien dejjem jigri fuq barra – u l-

[12] Ara fol. 121 tal-process.

imputat ma jaghti l-ebda gustifikazzjoni ghalfejn kien dejjem jigri fuq barra. Fit-tieni lok, l-ammont ta' boroz zghar li nstabu huwa kbir. Fil-fatt instabu f'zewg postijiet – go kexxun fil-kamra tas-sodda ta' ommu, u gol-borza kannella fuq il-vetrina. Fl-opinjoni tal-Qorti, l-imputat ma ggustifikax ghall-inqas sal-grad tal-probabbli ghalfejn kellu fil-pussess tieghu dawn il-boroz zghar kollha.

3. L-ammont totali ta' 48.7g herojina li nstabu, kienu maqsumin fi tminn (8) boroz li kellhom is-segwenti pizijiet: 33.649g, 04.333g, 4.416g, 4.562g, 00.743g, 00.127g u 00.117g. L-imputat ma jaghti l-ebda spjegazzjoni ghalfejn din id-droga kienet maqsuma f'dawn il-pizijiet differenti. Meta wiehed jixtri droga f'ammont ta' tnejn u hamsin (52) gramma, jaghmel sens li min ibieghlu jaghtihomlu f'borza wahda, l-aktar tnejn, anke biex ikun jista' jizen b'iktar facilita'. Il-fatt li l-kuccarina li nstabet hdejn il-boroz kellha tracci ta' herojina jindika li kien l-imputat li qassamhom f'dawn il-boroz – haga li seta' facilment jaghmel ghax kellu mizien digitali.

4. Kif inhu notorju f'dan il-qasam tad-droga, id-dosa tipika tad-droga heroina hija ta' 0.2 grammi. Fil-fatt fost it-tminn boroz li kellu l-imputat kien hemm zewg qratas wiehed ta' 00.127g u l-iehor ta' 00.117g. L-imputat instab fil-pussess ta' 48.7 grammi, li minnhom johorgu 243 doza (48.7 grammi divizi bi 0.2g). L-imputat fix-xhieda guramentata tieghu jghid li hu kien jikkonsma hames (5) grammi kuljum.[13] Min-naha l-ohra, fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-imputat xehed li *"kont niehu qisu 5 grammi kull jumejn, darba iva u darba le kont nohodhom ... ..."*[14] (sottolinear ta' din il-Qorti). Dan ifisser allura li l-imputat kien jiehu 2.5 grammi kuljum. Dan l-ammont ta' droga kuljum, mhux kompatibbli ma' droga ghal uzu personali biss. Fil-fatt, fl-Att dwar id-Dipendenza fuq id-Droga approvat mill-Parlament din is-sena (Att I tal-2015), il-pussess tad-droga ipprojbita huwa kkunsidrat li huwa ghall-uzu personali jekk ikun ta' anqas minn zewg (2) grammi droga, f'dan il-kaz heroina.

[13] Ara fol 119 tal-process.
[14] Ara fol 119 tal-process.

L-imputat ma kienx jahdem u ma semma l-ebda forma ta’ introjtu iehor ta’ flus. Huwa kien ilu jabbuza mid-droga seba’ snin (7). Dan nonostante huwa xtara droga f’ammont li jiswa disa’ mija u sitta u tletin lira Maltija (LM936). Certament mhux verosimili li bil-flus li kellu ghad-disposizzjoni tieghu, l-imputat seta’ eventwalment ihallas lil Mustafa tal-ammont qawwi tad-droga li xtara. Kif inhuwa risaput, a *heavy addict* normali, kif pinga lilu nfusu l-imputat, lanqas ikollu flus biex jixtri d-droga – fil-fatt normalment jispicca jirrikorri ghas-serq – u dak il-ftit li jkollu juzah biex jixtri pakkett jew tnejn. Il-Qorti lanqas temmen il-verzjoni tal-imputat fl-istqarrija guramentata tieghu li hu gie “imgieghel” minn Mustafa jiehu tnejn u hamsin (52) gramma herojina, anke jekk ma kellux bzonnhom.

Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, fl-opinjoni ta’ din il-Qorti l-imputat ma rnexxielux jipprova sal-grad tal-probabbli li d-droga li instabet mill-pulizija kienet ghal uzu esklussiv tieghu. Inoltre, fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, hemm provi u cirkostanzi bizzejjed biex iwassluha ghal konvinciment morali rikjest fil-kamp penali, li din id-droga ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tal-imputat, u ghalhekk l-ewwel imputazzjoni giet debitament ippruvata.

It-tieni imputazzjoni, u cioe dik tar-recidiva, giet ippruvata bis-sentenza ezebita mill-Ufficjal Prosekutur f’dawk il-proceduri.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u zvela d-dettalji ta’ minghand min kien xtara d-droga. Fil-fatt, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li

f’kaz ta’ htija, l-imputat ghandu jibbenifika mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta f’zewg gradi peress li kien ta ghajnuna lill-Pulizija.[15]

Pero, dan il-beneficcju huwa newtralizzat in parte bil-fatt li l-imputat instab hati li huwa recidiv, u fic-cirkostanzi, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena ghandha tizdied bi grad. Ghaldaqstant, ir-riduzzjoni fil-piena ai termini tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 se tkun effettivament bi grad wiehed biss.

Il-fedina penali tal-appellant hija wahda raffrettarja. Fil-fatt huwa ghandu hmistax (15) –il kundanna minn dawn il-Qrati, fosthom erba’ (4) minnhom ta’ pussess semplici tad-droga herojina jew kokajina, kundanna ghal pussess aggravat, tlett (3) kundanni relatati ma’ ksur tal-ligijiet tas-sewqan, kundanna relatata mal-ligijiet taz-zamma ta’ armi, tlett (3) kundanni ta’ ingurji u theddid lill-Pulizija, kundanna ta’ sekwestru tal-persuna u kundanna ta’ serq.

Meta xehed fis-seduta tat-13 ta’ Jannar 2006, l-imputat qal li kien ilu sitt xhur f’programm residenzjali ghar-riabilitazzjoni tad-droga. Dan gie konfermat mix-xhieda fl-istess seduta ta’ Mary Tabone, care worker tar-residenza Santa Marija.[16] Pero nonostante, dan it-trapass ta’ zmien kollu, l-imputat qatt ma gab prova li huwa spicca b’success dan il-programm, u l-abbli difensur tal-imputat m’ghamel l-ebda riferenza ghal dan il-programm fit-trattazzjoni orali. Anzi mill-fedina penali aggiornata tieghu jirrizulta li huwa instab hati talli fid-19 ta’ Novembru 2006 – cioe ghaxar (10) xhur wara li l-imputat xehed quddiem din il-Qorti li qed jaghmel programm ghar-riabilitazzjoni – huwa kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina, u dan b’sentenza ta’ din il-Qorti, diversament preseduta, tat-28 ta’ Gunju 2010. Ghalhekk mill-atti processwali ma jirrizulatax li l-imputat irriabilita ruhu mill-vizzju tad-droga.

---

[15] Ara seduta tat-13 ta’ Jannar 2006 a fol. 113 tal-process.
[16] Ara xhieda ta’ Mary Tabone a fol. 125 tal-process.

Kif diga inghad, l-imputat instab fil-pussess ta’ 48.7 grammi herojina, li minnhom johorgu 243 doza (48.7 grammi divizi bi 0.2g). Dan huwa certament ammont sostanzjali.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (i) u (ii) u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939 issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, u tikkundannah ghal piena ta’ sitt (6) snin prigunerija effettivi u multa ta’ erbat elef Euro (€4,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ mija u hamsa u ghoxrin Euro (€125.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b’din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta’ mitejn u sbatax-il Euro u sitta u hamsin centezmu (€217.56), ekwivalenti ghal tlieta u disghin Lira Maltija u erbghin centezmu (Lm93.40), li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b’dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-flus ezebiti favur il-Gvern ta' Malta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------